# ANNIBALE PRECA FIL-LETTERATURA MALTIJA (1832-1901)

Ta' Ġ. AQUILINA

Annibale Preca huwa wieħed mill-kittieba ewlenin li forsi mingħajr ma kienu jafu kienu qegħdin bil-kitba tagħhom iwaqqfu l-ewwel filati fil-bini tal-Letteratura Maltija kif tala' fi żmienna. Ngħid forsi mingħajr lanqas ma kienu jafu, għax f'dak iż-żmien il-Malti kien imkasbar u l-kotra kienet mitluqa għal riħha, ħadd ma jgħallimha, ħadd ma jieħu ħsiebha. Ma kienx jaħsibha hekk Annibale Preca. Dan, bħall-ħabib tiegħu is-Sur Fons Marija Galea, fehem ta' Nisrani u ċittadin għaqli, li kienet fehma tassew qarrieqa dik li tħalli l-kotra mingħajr tagħlim; u billi biex tgħallem sewwa bħal kull ħaddiem trid issonn l-għodda li taħdem biha, huwa sann ta' mgħallem ilsien il-poplu, jiġifieri kitbu bis-sengħa... .ħabbu, roqmu u ħaddmu bil-għaqal bħal kull ħaddiem li għax iħobb ix-xogħol iħobb ukoll l-għodda.

It-tfixkil li kienu jiltaqgħu miegħu l-kittieba tal-Malti dak iż-żmien kien xi ħaġa li ż-żgħażagħ tal-lum, imrobbijin jaħsbuha ta' Maltin fl-arti u fl-ilsien, ma jifmuhiex biżżejjed. L-aqwa tfixkil kien joħroġ mill-pinna preġudikata ta' ħafna mill-gradwati Maltin li, għax qatt ma kienu xorbu mill-għajn tal-letteratura Maltija u kienu mrobbijin imaqdru lsienhom (kontra llum għax il-Malti bħala suġġett mgħallem, imkien ma hu qawwi daqs fl-Università) kienu jfixklu kull kitba bil-Malti. Imsejkna l-ġenerazzjoni ta' dak iż-żmien! Il-baħar kien qiegħed u milli jidher qatt ma ħasbu li jekk il-kotra ma tedukahiex biżżejjed din il-kotra biż-żmien setgħet taqleb il-miżien tas-setgħa, taħtaf ir-riedni tal-ħakma f'idejha u miskin il-pajjiż li jkollu jħallas għad-dnub tat-traskuraġġni fl-imgħoddi tal-edukazzjoni tal-poplu.

Annibale Preca ma kienx wieħed minn dawn il-għomja. Kien Nisrani tajjeb u għalhekk il-ġid li kien jixtieq għalih innifsu kien jixtiequ wkoll għal għajru. Kien jagħraf il-ġid tal-edukazzjoni għall-formazzjoni tal-karattru tiegħu. Dak li kien tajjeb għalih kellu jkun tajjeb ukoll għall-kotra. Imma l-kotra kullimkien tilħaqha l-aktar bl-ilsien li titkellem kulljum u għaldaqshekk Preca studja u ħaddem il-Malti, tħabat biex jarah imgħallem fl-iskejjel ħalli bis-saħħa tiegħu kien jista' jixtered it-tagħlim fl-iskejjel, ħalli bis-saħħa tiegħu kien jista' jixtered it-tagħlim, id-dawl tal-Qalb fost kullħadd sa fl-ibgħad irħula ta' Malta u Għawdex li dik il-ħabta aktar mill-lum kienu mitluqin fid-dlamijiet tal-injoranza għax kienu kwieti u ma kienux jafu jipprotestaw kontra s-saltna tad-dlamijiet li huma kienu magħluqin bħal bhejjem fil-ħabs tagħha... saltna kiefra li kienet kif

għadha illum, theddida għall-formazzjoni tal-karattru reliġjuż u Malti tal-poplu tagħha. Ma tistagħġbux mela jekk ngħidilkom li Annibale Preca kien barra kittieb tajjeb bniedem tar-ruħ ħafna, igħid ta' kull jum l-uffizju tal-qaddisin, għal għoxrin sena prokuratur tal-Knisja ta' Ħal Lija, tal-Opri tal-propaganda tal-Fidwa u wieħed mill-avukati ta' San Pietru. Kienet il-kuxjenza tiegħu Nisranija li ġagħlitu flimkien mas-Sur Fons, sekulari u reliġjużi oħra, jikteb għat-tagħlim tal-poplu kitba li meta taqraha illum tieħu gost biha għalkemm għaddew is-snin minn fuqha u l-istil ħafif hu maħsub għal nies ta' tagħlim żgħir.

Mn'Alla kellu dak li l-Inglizi isejħu *a sense of humour* li għandu bżonnu kull min jieħu l-progress ta' pajjiżu bis-serjetà u jitħaddet fuqu bla tlaqliq; għandu bżonnu biex itaffi it-tingiż tal-ilsna ħżiena, ta' dawk li meta tinqala' idea jħobbu aktar jitkellmu fuqha, juruk kemm jafu aktar minnekk milli jħaddmu jdejhom u moħħom biex l-idea t-tajba isseħħ... tinbidel minn ħolma ta' qalb ġenerusa f'realtà għall-ġid wir-riżq tal-poplu kollu.

G. Micallef De Caro fir-riċensjoni li għamel fil-ħames numru tal-*Malta Letteraria* tas-sena 1904, jiġifieri 46 sena ilu, igħid li Preca 'Faceto fino sul capezzale della morte, non si dava alcun pensiero delle aspre critiche che gli movevano coloro cui sopra accennava il Castaldi, ma sereno continuava nel cammino intrapreso.' Dan Castaldi msemmi minn G. Micallef De Caro, li kien kultant jikteb bit-Taljan, kien kiteb lil Preca, 'Molti per aver preso a cinguettare la lingua d'Italia o d'Inghilterra hanno a schifo la favella dei padri loro, cui con una boria non so se più insolente o ridicola chiamano basso e miserabile dialetto e sdegnano di investigare le recondite origini della nostra parlata.'

L-ispirtu ċajtier ta' Preca jidher f'ħafna mill-kitba tiegħu imma forsi mkien ma jidher hekk sewwa daqs f'dik id-daqxien ta' kitba li qatt ma laħqet rat id-dawl... djalogu bejn Tabib, imnieħru mxammar mal-Malti wil-ġurnal *Ward u Żahar* li kien fi ħsiebu joħroġ għat-tagħlim tal-Malti. Dit-taħdita tistgħu taqrawha fl-aħħar żewġ paġni tan-numru 43 tal-kotba tal-*Mgħodija taż-Żmien* jew inkella fit-tielet ktieb tal-*Ward ta' Qari Malti.* Is-Sur Fons fil-*Malti* ta' Settembru, 1928 l-organu tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, ta tagħrif fil qosor fuq ħabibu u mgħallmu A. Preca. F'dil kitba jirrakonta li dan Preca li meta hu u ħuh kienu zgħar kien is-surmast tagħhom, biex idaħħaqhom kien jħarrfilhom li missieru kien ġej mir-razza ta' xi wieħed mill-Ħallelin tal-Baħar Griegi li kienu qabduhom qrib Malta u dendluhom minn fuq il-ponta ta' Sant'Anġlu. Mhux għaġeb li bniedem bħal dan, kif qalilna G. Micallef De Caro, baqa' ċajtier sa fuq is-sodda tal-mewt.

Imma min kien fis-sew dan Preca? Hadd ma kien jafu hekk tajjeb daqs

is-Sur Fons li mill-kitba tiegħu fuqu li għadni kemm semmejtilkom, nafu li kien surmast fqir tal-iskola; li qatt ma siefer aktar il bogħod minn Għawdex; li ta' sittax-il sena laħaq surmast tal-iskola tal-Mosta; li meta kiber u s-Sur Fons sar jafu aħjar kien jaf bit-Taljan, bl-Inglis, Latin, bl-Ispanjol u bil-Franċiż barra milli kien jaf ġmielu l-Ilsien Lhudi u xi daqxejn Portugiż u Grieg ukoll; hekk li ma tidher xejn esaġerata d-dikjarazzjoni ta' Micallef De Caro li fil-kitba tiegħu fuqu li semmejtilkom qal li 'Annibale Preca conosceva quasi tutte le lingue colte d'Europa e buona parte delle lingue orientali.' Mill-istess kitba tas-Sur Fons insiru nafu li mħabba aċċident meta kien tarbija huwa baqa' immankat minn riġlejh għal għomru, li bħal ħuh Anakletu daħal ma' missier is-Sur Fons; u li 'flus x'jonfoq ma kellux għax', igħidilna s-Sur Fons, 'jekk biex tgħallem, missieru ma nefaqlux flus, anqas bħala surmast, ma kien il-Gvern iħallsu bosta.'

Lil Preca qabillu jidħol skrivan ma' missier is-Sur Fons iżomm il-kotba tal-kummerċ, u qabel iżjed lis-Sur Fons u lil ħuh u aktar il quddiem lil oħtu għax, jissokta jgħidilna s-Sur Fons, 'hu kien l-ewwel surmast tagħna tat-Taljan u tal-Ingliż u tal-Latin; u 'l quddiem lili għallimni bl-Ispanjol, u ħajjarni nikteb il-kotba bil-Malti. L-ewwel ktieb tas-sensiela *Mogħdija taż-Żmien* kien jismu *Dik Xorti!*. Kien kitibhulu Annibale Preca.

Issa naraw il-post li Preca jimla fl-istorja tal-Letteratura Maltija. Naraw x'jiswa, x'kiteb u kif kiteb.

Kiteb (1) *Saggio Intorno alla Lingua Maltese come affine dell'Ebraico*, pubblikata fis-sena 1880 (ktieb ta' 116-il paġna) spejjeż ta' Mons. Dr Pawl Kan. Pullicino, li għal xi snin kien Direttur tal-Edukazzjoni;

(2) *Storja Sacra*, ktieb ta' 610 paġna;

(3) *Storja tal-Knisja*, ktieb ta' 510 paġna;

(4) *Imitazzjoni ta' Kristu* (traduzzjoni);

(5) *Ġabra ta' poeżija ċajtiera għat-tfal*;

(6) *Dik Xorti!*, rakkont żgħir, l-ewwel ktieb tal-*Mogħdija taż-żmien*;

(7) *Qalbiena għall-Baħar*, rakkont fuq il-Maltin bħala nies qalbiena fil-Kummerċ;

(8) *Ġografija*;

(9) *Storija tal-Knisja fi ftit kliem*, taqsira tal-istorja itwal li kiteb bit-Taljan;

(10) *Gli Avventurati*, bit-Taljan;

(11) *Id-Dinja bil-Hlejjaq tagħha*;

(12) *Tifsira fuq il-kotba tal-Bibbja*;

(13) *Nibżgħu għal saħħitna*, tagħlim lit-tfal;

(14) *Żieda tal-ewwel Ktieb tal-Qari Malti tal-Gvern* (1880);

(15) *Alfabet Fonetiku Malti għall-Iskejjel tal-Gvern*, taħdita li għamel lis-surmastrijiet tal-Iskejjel tal-Gvern fuq stedina ta' Savona, Direttur tal-Edukazzjoni li qabbdu jfissrilhom l-alfabet tax-Xirka Xemija (Società Semitica) ta' dak iż-żmien li kienet qisha l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ta' żmienna. L-aqwa xogħol tiegħu *Malta Cananea, ossia investigazioni filologico-etimologiche nel linguaggio Maltese*, xogħol li għalkemm ifisser ħafna fehmiet li jiena ma naqbelx magħhom, jimlieni bl-ammirazzjoni għalih mħabba l-ħidma ta' tiftix lessikali li ġabar flimkien biex minnu sata' jibni t-teżi tiegħu dwar nisel il-Malti.

Mill-kitba li semmejna nistgħu ngħidu li Preca ħaddem il-pinna tiegħu (i) fil-għalqa tal-kitba filoloġika (ii) ta' kitba ta' tagħlim (a) reliġjuż (b) ċivili u (c) letterarju. Imma t-tielet taqsima titwaħħad mal-ewwel tnejn għax hi ma kinetx ħlief il-forma tal-idejjiet li huwa fisser biex igħallem. Irrid ngħid li Preca ma kitebx biex ikun kiteb sabiħ biss imma biex igħallem. Fin-novelli sbieħ tiegħu li jixbhu lil dawk ta' Temi Żammit, bħal ngħidu aħna, l-kitba ċajtiera *Żewġ Siġġijiet Battala* li tistgħu taqraw fit-Tielet Ktieb tal-*Ward ta' Qari Malti*, Preca jidher jikteb biex hu jieħu gost ifisser ruħu sewwa bil-Malti. Imma dan il-gost Preca kien juriħ f'kull kitba; juriħ ukoll fil-kitba tiegħu għalliema fuq is-saħħa u fuq il-ħlejjaq tad-dinja u fil-kitba tiegħu reliġjuża.

X'ingħidu għall-istil tiegħu? Ngħid għalija drajt naqra kotba ta' awturi kbar barranin, imma l-aħħar li qrajt il-proża tiegħu, għalkemm fiha ma sibtx il-komplikazzjonijiet ta' problemi soċjali psikoloġiċi, jiena ħassejt seħer ta' ġmiel jiġbidni lejh. Saqsejt lili nnifsi x'kien li jista' jġagħalni niggosta l-istil ta' Preca li kiteb għal nies ta' edukazzjoni żgħira, x'qawwa għadni nsib fih? Meta stħarriġt l-impressjonijiet tiegħi sibt li dan is-seħer qiegħed fis-sempliċita tal-istil, fl-għażla tal-kelma sabiħa mingħajr tqanżiħ, fil-ħeffa li hu għandu jniżżel l-ideat għoljin, ngħidu aħna fuq tagħlim ir-ruħ u il-fakultajiet tagħha, fejn jilħaqhom kullħadd, u t-trobbija tal-karattru tiegħu. Li kelli nagħmel analisi tal-elementi stilistiċi li semmejt, kont irrid żmien aktar; u llum mhux il-waqt. Imma dawk li jridu jduqu l-benna tal-proża ta' Preca u ma għandhomx il-kotba tiegħu nirrikmandalhom jaqraw is-siltiet mill-proża tiegħu li jiena u l-Professur Saydon daħħalnielu fit-tliet kotba tal-*Ward ta' Qari Malti.* Dawn is-siltiet juru lil Preca fl-aħjar tiegħu.

Bħala wieħed mill-bennejja ewlenin ta' lsienna, Preca waqqaf monument lilu nnifsu fil-letteratura Maltija; dak il-monument li ż-żmien jibni lill-pijoneri tal-movimenti t-tajba... il-moviment tal-edukazzjoni populari, l-edukazzjoni tal-poplu, l-*Adult Education* ta' żmienna. U kellu sengħa liema bħalha biex igħallem, għax il-ktieb tiegħu *Il-Ħlejjaq tad-Dinja* wil-ktieb tal-Ġografija huma miktubin b'sengħa ta' mgħallem li jaf iniżżel

l-ideat kbar u t-tagħlim astratt fejn jistgħu jilħquhom in-nies ta' tagħlim żgħir jew inkella t-tfal tal-Iskejjel. Meta, xi darba, xi ħadd jasal biex jikteb l-istoria tal-Edukazzjoni f'Malta u kotba li ħarġu għat-tagħlim, metodi ta' esposizzjoni għall-moħħ tat-tfal, kif ukoll tħabrik ta' edukaturi għat-twaqqif ta' ortografija waħda, isem Preca jieħu post minn ta' quddiem.

Għalhekk intom, nies ta' Ħal Lija, Kumitat imwaqqaf għat-tfakkira ta' għeluq il-ħamsin sena minn mewtu, għamiltu sewwa ħafna li sejjaħtulna hawnhekk għal ġieh ta' bniedem li ismu żejjen mhux biss lil Ħal Lija imma lil Malta li għandha bżonn ħafna nies ħaddiema bħal Preca, nies li jagħmlu l-ġid lil għajrhom bil-pinna li, kif igħid qawl Ingliż, hija isħaħ mis-sejf. U waqt li nifraħ lilkom għal din l-idea sabiħa li mexxiet ħafna, insejjaħ għal ċeremonja bħal din lill-komunità tal-Ġeżwiti biex jonoraw l-isem ta' Patri Magri bħala l-pijonier tal-*folklore* Malti, u nsejjaħ lill-kittieba Maltin kollha biex jonoraw bħalkom l-isem ta' s-Sur Fons Marija Galea, u kittieba oħra tal-ewwel żmenijiet tal-letteratura Maltija.

Iż-żerriegħa taċ-ċiviltà qiegħda fl-ideat li joħorġu mill-moħħ tal-aħjar nies tal-pajjiż, imma dawn l-ideat ma jsirux siġar kbar jekk aħna ma nsaqquhomx u nħarsuhom mill-qieraħ tal-ixtiewi kiesħa... l-ixtiewi tal-apatija u l-bruda ta' nies li ma jafux igħozzu dak li hu sabiħ u dak li hu tajjeb.

(*Dan l-artikolu huwa taħdita magħmula Ħal-Lija fil-25 ta' Novembru 1951 fl-okkażżjoni tat-*Tfakkira Ta' Għeluq il-Ħamsin Sena minn mewt Annibale Preca.)